

Brussell, 23 ta' Frar 2026
(OR. en)

6477/26

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0115 (COD)**

**CODEC 258
EF 35
ECOFIN 215
ECB**

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li temenda d-Direttiva 2014/49/UE fir-rigward tal-ambitu tal-protezzjoni tad-
depożiti, tal-użu tal-fondi ta' skemi ta' garanzija tad-depożiti, tal-
kooperazzjoni transfruntiera, u tat-trasparenza (**l-ewwel qari**)
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-
raġunijiet tal-Kunsill

1. Fit-18 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 53(1) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Ġunju 2023².
3. Il-Bank Ċentrali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fil-5 ta' Lulju 2023³.
4. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fl-24 ta' April 2024⁴.

¹ 8483/23 + ADD 1 sa 3.

² 10596/23.

³ 11557/23.

⁴ 10669/24.

5. Fil-5 ta' Novembru 2025, il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (ECON) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-qbil proviżorju li ntlaħaq mill-koleġislaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq, wara li kienu saru kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti li fiha ddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara reviżjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi⁵.
6. Fit-12 ta' Novembru 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil proviżorju⁶.
7. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti għalhekk huwa mitlub jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 15484/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 15484/25 ADD 1, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-astensjoni tal-Estonja.

⁵ 15146/25.

⁶ 15011/25 ADD 3.